C/2025/6050

7.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12135 — WATERS / BD (BIOSCIENCES AND DIAGNOSTIC SOLUTIONS BUSINESSES))

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6050)

1. Fit-30 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Waters Corporation ("Waters") (l-Istati Uniti), u

— Ċerti sussidjarji u assi tal-unitajiet tan-negozju ta' Biosciences and Diagnostic Solutions (l-"Impriża fil-Mira") ta' Becton, Dickinson and Company ("BD") (l-Istati Uniti).

Waters takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b), tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-impriża fil-mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma fl-impriża fil-mira.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Waters hija kumpanija ta' kejl ta' speċjalità li tiżviluppa soluzzjonijiet analitiċi tal-fluss tax-xogħol, li primarjament jinvolvu kromatografija likwida, spettrometrija tal-massa u innovazzjonijiet ta' analiżi termali li jservu l-industriji tal-ħajja, tal-materjali u tax-xjenzi tal-ikel.

— L-impriża fil-mira hija magħmula mill-unitajiet tan-negozju (a) Biosciences u (b) Diagnostic Solutions ta' BD.

  — BD Biosciences hija fornitur ta' soluzzjonijiet ta' riċerka dwar l-immunoloġija u l-kanċer u dijanjostika klinika relatata, inklużi strumenti u reaġenti taċ-ċitometrija tal-fluss, u għandha għodod multiomiċi uniċellolari innovattivi.

  — BD Diagnostic Solutions hija fornitur tal-mikrobijoloġija u tad-dijanjostika tal-mard infettiv, inklużi d-dijanjostika molekulari, l-iskrinjar tal-kanċer ċervikali, prodotti taċ-ċitoloġija, awtomatizzazzjoni tal-mikrobijoloġija u servizzi fiċ-ċentri tal-kura.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12135 – WATERS / BD (BIOSCIENCES AND DIAGNOSTIC SOLUTIONS BUSINESSES)

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni b'email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË